


# Il-Kwadru Titulari ta' Marija Annunzjata fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan



Kitba ta'
Anton Camilleri

Meta wieħed jidħol f'xi waħda mill-knejjes tagħna, u jitfa' ħarstu lejn l-altar maġġur, jolqtu bla ma jrid il-kwadru titulari li ġeneralment ikun jirraffigura xi episodju mill-ħajja tal-qaddis jew qaddisa li għalih/a tkun iddedikata l-knisja. Fl-antik dawn il-kwadri kienu jkunu mpittra direttament fuq l-injam, drawwa li baqgħet sas-seklu 16 meta l-pittura bdiet issir fuq it-tila, bil-kuluri taż-żejt introdotti fis-seklu ħmistax.

Illum qed tidħol id-drawwa li, fil-knejjes il-ġodda li qed jinbnew, minflok il-kwadru qed titpoġġa statwa tal-qaddis/a jew il-kurċifiss. Dan wieħed jista' jarah fost l-oħrajn fil-knejjes ta' Kristu Re, f'Raħal Ġdid, San Pietru f'Birżebbuġa, il-Madonna ta' Fatima fi Gwardamanġa u San Ġwann tas-Salib f'Ta' Xbiex.

Il-kwadru titulari fil-knisja ta' Ħal Balzan sar fl-1857. Hu kien ordnat għand il-pittur Ġużeppi Hyzler iżda sar minn Ġużeppi Calleja. Qablu kien hemm ieħor artistiku ħafna, li spiċċa jservi ta' suffit fis-sagristija l-qadima, u li llum, wara li ġie rrestawrat, qiegħed imdendel fis-sagristija l-oħra. Skond il-Kavallier Rafel Calì dan il-kwadru hu xogħol Karlu Zimech li għex fis-seklu tmintax.

Kif għedna, illum nafu li l-kwadru preżenti sar minn Ġużeppi Calleja li għal xi żmien għex u ħadem f'Ħal Balzan. X'uħud kienu jgħidu li hu xogħol Hyzler li lilu kienet ingħatat il-kummissjoni, iżda minn manuskritt miktub minn Calleja stess nafu li, hu xogħol Calleja l-lavrant ta' Hyzler.

Ġużeppi Calleja twieled fit-12 ta' Diċembru, 1828 il-Belt Valletta, it-tifel ta' Antonio u Maria Teresa Cachia. Waqt l-istudji tiegħu indunaw li iżjed kien miġbud lejn id-disinn milli lejn l-iskola. Għalhekk fuq il-parir tal-pittur Ġużeppi Hyzler, li osserva sewwa lit-tifel, ipperswada lil missieru biex meta t-tifel iġib il-kwalifiki meħtieġa jibda jattendi fl-i*studio* tiegħu.

Nafu li madwar l-1844, meta Calleja kellu 16-il sena, hu beda jkun iżjed regolari għand Hyzler, fejn beda jkun mgħallem it-teknika. Din ir-rabta ta' Calleja ma' Hyzler kellha tibqa' sakemm Hyzler miet u li ġieli waslet sal-punt li Calleja jwettaq xogħol li suppost sar mill-imgħallem tiegħu. Dan għaliex fl-1848 Hyzler beda juri sinjali ta' mard, u iżjed m'għadda ż-żmien, il-mard iżjed beda jiżdied.

Kien żmien meta l-fama tal-pittur kienet fl-aqwa tagħha b'ħafna kummissjonijiet deħlin. Għalkemm il-marda ġiet moħbija min-nies biex ix-xogħol ma jonqosx, il-gazzetta *Mediterranio* tat-28 ta' Diċembru, 1851 qalet ċar u tond li Hyzler kien qed ibati minn rogħda f'idejh, li naqsitlu mill-abbiltà f'xogħlu.

Il-kwadru titulari ta' Ħal Balzan ġie ordnat f'xi żmien qabel is-sena 1857, is-sena li fiha kien lest u tpoġġa f'postu. Nafu wkoll, li f'dik is-sena Hyzler kien irċieva mingħand il-protettur tal-knisja ta' Ħal Balzan is-somma ta' 700 skud għal dan il-kwadru. Proprju sena qabel ma Hyzler miet. Fi żmien li l-prokuratur ordna dan il-kwadru, Hyzler kien qed jaħdem fuq żewġ kwadri għaż-żewġ irħula tal-qrib wieħed ta' San Rokku għall-knisja ta' H'Attard u l-ieħor tal-Madonna taċ-Ċintura għall-knisja ta' Ħal Lija. Forsi għalhekk li l-prokuratur Balzani tħajjar jordna l-kwadru għandu.

Il-kwadru sar fl-i*studio* li Hyzler kellu mar-residenza tiegħu f'parti mill-Berġa ta' l-Italja fil-Belt. Kollox jindika li x-xogħol sar kollu minn Calleja. Fejn qabel Hyzler kien jagħmel id-disinn, u wara li Calleja jistudjah kien jesegwieh, din id-darba kollox sar minn Calleja li ħadlu ħafna ħsieb u xogħol, għax Hyzler ma kienx jiflaħ wara li reġa' tah attakk ieħor li ħallieh ma jistax jitkellem, *toccammi ad eseguirlo quando il Sigr. Hyzler oltre i melori, a cui andava soggetto, gli sopravvenne uno altro che lo rese inabile perfino di parlare.*

Il-kwadru juri l-ideat li Calleja xorob mingħand l-imgħallem tiegħu. Fih insibu lill-Arkanġlu Gabriel f'att ta' qima lejn Marija li kienet għadha kif aċċettat li ssir omm Alla, fi sfond ta' xenarju sabiħ b'važun bil-ġilju fin-nofs. Fil-parti ta' fuq naraw lit-Tliet Persuni tat-Trinità Mqaddsa mdawra bl-anġli.



Meta Calleja lesta x-xogħol ġietu t-tentazzjoni li jiffirmah hu, iżda beża' li permezz li l-ordni ma ngħatax lilu seta' jonqos ix-xogħol, meta jaraw il-firma tal-lavrant minflok ta' l-imgħallem. Beża' wkoll li l-fama li seta' jġiblu, titlagħlu għal rasu, għalkemm nafu li wara l-1855 hu beda jieħu xi ordnijiet, liema xogħol kien beda jiġbed l-interess tal-ġurnali.

Ma riedx ukoll kieku jonqos lill-imgħallem tiegħu, għalhekk iffirma f'post fejn ma tidhirx, *lo inserissi nell'angolo piu occulto del quadro*. Il-kwadru li kien l-aħħar ordni li saret fl-i*studio* ta' Hyzler, baqa' ma kienx iffirmat u l-firma li qal li għamel Calleja sal-lum għadha ma nstabitx.

Il-kwadru tlesta fi Frar, 1857, għax proprju f'dan ix-xahar kien għall-wiri fil-kunvent ta' Santu Wistin fil-Belt qabel ma kien trasportat għal Ħal Balzan. Il-gazzetta li fiha deher l-avviż tal-wirja faħħret lil Hyzler u lil Calleja li għenu jwettaq ix-xogħol. Imbagħad it-Tnejn 9 ta' Marzu, 1857 il-kwadru tpoġġa f'postu fuq l-altar tal-kor, fost it-tifħir ta' dawk li żaru l-knisja għall-festa ta' dik is-sena. Din id-darba l-istess ġurnal meta ħabbar l-avveniment, faħħar lil Calleja waqt li lil Hyzler ma semmiehx. Dan mhux l-uniku xogħol ta' Calleja għall-knisja ta' Ħal Balzan. Nafu li xi żmien wara hu pitter il-kwadru ta' San Ġużepp Labrè.

Rabta oħra ta' Calleja ma' dan ir-raħal hi l-post ta' villeġġjatura li dan kellu, l-ewwel f'numru 141, Pjazza Casale Balzan u wara f'numru 52 Strada Reale. Nafu li fit-28 ta' Marzu, 1892 hu ttrasferixxa l-i*studio* u r-residenza mill-Belt għal Ħal Balzan flimkien ma' ħutu. Fil-fatt oħtu Marianne mietet f'Ħal Balzan fit-13 ta' Lulju, 1896. It-tifkira ta' oħtu ma setgħetx tmur minn quddiem għajnejh u għalhekk f'Ottubru, 1897 Ġużeppi qatagħha li jġorr kollox u jmur joqgħod San Ġiljan. F'Ħal Balzan baqa' ħuh Vincenzo, li miet hemm f'Awissu, 1901. Għalkemm f'San Ġiljan kien kuntent, biss ħass in-nuqqas tal-ħbieb li laħaq għamel f'Ħal Balzan fosthom il-Kavallier Borg.

Calleja miet fit-12 ta' Awissu, 1915 fl-għomor ta' 86 sena.

**Referenzi:**


J. Calleja, *Giuseppe Calleja 1828-1915: The man, the teacher, the artist*, Malta, 1992

*Ħal Balzan*, Settembru-Ottubru, 1974, numru 19.

*Ħal Balzan*, Novembru-Diċembru, 1974, numru 20.

*L'Ordine*, 20/03/1957.

*L'Ordine*, 27/02/1857.